## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 506/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Leonardo Caruana**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Leonardo Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 404858M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Fis-6 ta' April, 2015 u zminijiet precedenti ghal habta tal-16:00hrs waqt li kien qieghed gewwa limiti tal-Gudja u f'dawn il-Gzejjer, ikkonfoffa jew ittanta, ghen, hajjar jew ta' pariri lil

haddiehor sabiex jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur, matul l-istagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar:

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkonfoffa jew ittanta, ghen, hajjar jew ta pariri sabiex haddiehor jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza xi xbieki;

3) B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux ikunu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta' elf ewro (€1,000) u ordnat revoka permanenti tal-licenzji tieghu;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza erogata u tillibera lill-appellant minn kull htija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg aggravji li jistghu jitqiesu bhala wiehed li l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija bil-fatti kif esposti u b'aggravju iehor dwar il-piena erogata. Minkejja li t-talba tal-appellant hija ghar-revoka u thassir tas-sentenza u ma tinkludix wahda ghat-tibdil kif mehtieg skond l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali, bis-sahha tal-l-Att I tal-2018, l-artikolu 520 tal-istess Kodici jaghmel applikabbli l-artikolu 142 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li *inter alia* jipprovdi li talba ghal-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghat-tibdil tas-sentenza u ghalhekk ser tkun konsiderata talba ghat-tibdil b'mod alternattiv;

2. Minn ezami tal-atti processwali u mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti jemergi illi fis-6 t'April 2015 zewg ufficcjali tal-Pulizija kienu nnutaw mansab armat gewwa ghalqa fl-inhawi ta' Santa Lucia. Il-pulizija waslet biex identifikat lill-appellant bhala sid l-ghalqa li ddikjara maghhom li kien jaf bil-mansab u x-xbiek izda dan kien ta' persuna ohra li kien tah permess u li kien qed jerfa' r-responsabilita' kollha hu. L-istess pulizija hadu ritratti tas-sit fejn jidher mansab armat f'area mnaddfa gewwa ghalqa mizrugha bil-qamh;

3. L-appellant xehed illi l-ghalqa in meritu hija mqabbla lilu u peress illi kien operat f'Marzu ta' dik is-sena ma kienx imur jittawwal l-ghalqa. Meta baghtu ghalih il-Pulizija kkonfermalhom illi l-ghalqa kienet tieghu izda x-xbiek ma kienux u ma jafx' ta min kienu. Meta ddikjara mal-Pulizija li kien qed jassumi r-responsabilita kollha kien qed jirreferi ghall-mansab bhala struttura izda mhux tax-xbiek u jichad li qatt qal lil pulizija li kien ta permess lil persuna ohra biex jarma il-mansab hemmhekk;

4. Clayton Spagnol, awtorizzat li jitressaq bhala xhud fil-mori tal-appell ghar-ragunijiet moghtija f'digriet ta' din il-Qorti, qal

illi hu kien sar jaf li l-appellant wehel minghajr ma kellu htija ghaliex kien hu li rama l-mansab bix-xbiek tieghu ad insaputa tal-appellant. Spagnol iddikjara li qatt qabel ma kien mar jonsob u anqas ghandu licenzja ghalhekk, kif ukoll li x-xbiek kien hallihom nannuh wara mewtu. Ghalhekk kien sab ghalqa f'April u rama x-xbiek biex ikun ghal-lest ghall-istagun t'Ottubru;

5. Din il-Qorti hi tal-fehma illi d-deposizzjoni ta' Spagnol ma tistax titwemmen f'dik il-parti fejn jghid li l-appellant ma kienx jaf bil presenza tieghu fl-ghalqa. Tajjeb li jkun mfakkar li l-appellant ma kienx imputat bil-fatt li kien hu li qed jonsob izda li kkonfoffa ma' jew hajjar lil terzi sabiex jonsbu mill-ghalqa tieghu. Mir-ritratti esebiti, l-ghalqa tidher mizrugha bil-qamh u parti minnha mqaxxra friska sabiex intrama dan il-mansab u x-xhud irid lil din il-Qorti temmen li qabad u ghamel hekk minn rajh fi hwejjeg haddiehor semplicement biex jesperimenta. L-ewwel Qorti ghazlet li tiskarta l-verzjoni tal-imputat u kienet fil-pjena liberta' li taghmel dan fit-termini tal-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghaliex ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata qed tkun michuda;

6. Kwantu ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti, fejn l-appellant jilmenta dwar l-iskwalifika permanenti tal-licenzji tieghu, l-artikolu 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat u kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat jipprovdi ghal-tali skwalifika b'mod tassattiv fil-kaz ta' sejbien ta' htija ghat-tieni darba. Jirrizulta mill-atti processwali illi din ma kienitx l-ewwel darba li l-appellant instab hati ta' ksur ta' dan l-ordinament u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex xelta fl-imposizzjoni ta' din is-sanzjoni;

7. Ghal dawn ir-ragunjiet l-appell qed ikun michud.